MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 837/2009

The Meat Factory Limited C-43525

vs

Marc Aquilina ID-105069M u
Carisma Limited C-37961

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta Ottubru 2009, fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef mitejn u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (Euro3,240.63c) rapprezentanti prezz ta' markanzija ordnata u konsenjata lill-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dana l-att u ta' l-ittra bonarja datata 3 ta' Settembru 2009 u bl-imghaxijiet dekorribbli mit-3 ta' Settembru 2008, id-data ta' l-ahhar konsenja kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm il-konvenuti kienu notifikati legalment b'dawn il-proceduri huma naqsu li jikkontestaw it-talba attrici u anqas ma dehru la fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta' llum, u ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' Euro3,240.63c (tlett elef mitejn u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-3 ta' Settembru 2008 kif mitlub u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------